# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Lulju 2017**

**Numru**

**Appell Ċivili Numru 1185/2012/1 JA**

**Benjamin Anthony Boarer**

***versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Dan huwa appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 t'April 2013, li laqgħet talba tal-attur biex tgħid illi kunjomu għandu jkun 'Mallia' u mhux 'Boarer' u għalhekk ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid Malti tiegħu sabiex dan jaqra 'Benjamin Anthony Mallia'. L-ewwel qorti, iżda, ma laqgħetx it-talba tal-attur sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil meħtieġa "f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti tal-istess attur" iżda, minflok, ħelset lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar din it-talba.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur twieled fil-15 ta' Settembru 1989 fir-Renju Unit. Il-ġenituri tiegħu – Anthony Mallia u Rachel Boarer – ma kinux miżżewġin meta twieled u għadhom mhux miżżewġin sal-lum. Madankollu, missier l-attur mill-ewwel għarfu bħala l-wild naturali tiegħu u fil-fatt fiċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż tal-attur hu ġie imniżżel bħala l-missier naturali tiegħu. F'dak iż-żmien, iżda, lill-ġenituri tal-attur dehrilhom illi kien fl-aħjar interess ta' binhom li huwa jkun magħruf b'kunjom Ingliż ta' ommu, Boarer, u mhux bil-kunjom Malti Mallia billi l-ġenituri tal-attur kienu ddeċidew li missier l-attur kien sejjer igħix Malta filwaqt li omm l-attur flimkien mal-attur kienu sejrin igħixu l-Ingilterra.

3. Fil-25 ta' Lulju 1990 omm l-attur bis-saħħa ta' *deed poll* irrinunzjat f'isem binha għall-użu tiegħu tal-kunjom tagħha – il-kunjom Boarer – u assumiet f'ismu l-kunjom ta' missieru – il-kunjom Mallia. Għamlet hekk għax kellha l-ħsieb li hi u binha l-attur jiġu joqgħodu Malta. Fil-fatt, l-attur inġieb joqgħod hawn Malta ftit wara li twieled u għadu joqgħod hawn sallum.

4. Minkejja dan, l-attur baqa' magħruf mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku u ma' awtoritajiet oħra hawn Malta bil-kunjom Boarer, ta' ommu, u mhux Mallia, ta' missieru, għax l-att ta' twelid Ingliż tiegħu juri kunjomu bħala Boarer.

5. Peress illi l-ġenituri tal-attur ħassew li d-diskrepanza fil-kunjom li assuma l-Ingilterra u l-kunjom uffiċjali tiegħu hawn Malta tista' potenzjalment toħloq problemi u diffikultajiet prattiċi fil-ħajja ċivili tal-attur, huma għażlu li jibdew proċeduri taħt l-art. 253 tal-Kodiċi Ċivili, u biċ-ċitazzjoni numru 67/2005/GC ippreżentata fis-26 ta' Jannar 2005 talbu li l-qorti, *inter alia*, jogħġobha tiddikjara illi l-kunjom tal-attur (li dak iż-żmien kien minuri) għandu jkun dak ta' missieru, Mallia.

6. Għalkemm b'sentenza tad-9 ta' Ottubru 2008 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet din it-talba, il-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2011 laqgħet l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ħassret is-sentenza appellata u ħelset lid-direttur mill-ħarsien tal-ġudizzju għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »... dan il-każ kien jirrikjedi li tiġi ppreżentata kopja uffiċjali tad-*deed poll* u tar-reġistrazzjoni tagħha, u xiehda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taħt il-liġi Ingliża. Din il-qorti ma ġietx infurmata jekk b'riżultat ta' dak id-*deed poll* saritx xi annotazzjoni fuq iċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż tal-attur, ma saritx *proof of foreign law,* f'dan il-każ tal-liġi Ingliża, dwar il-validità u l-effetti ta' dik id-*deed poll.* Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont prinċipji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-presunzjoni hi li l-liġi estera hi simili għal dik Maltija ...«

7. Wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell imsemmija hawn fuq, l-attur b'*deed poll* ieħor tat-30 ta' Settembru 2011 irrinunzja b'mod assolut għall-użu tal-kunjom ta' ommu u assuma l-kunjom ta' missieru. L-attur igħid illi:

> »... d-*deed poll* jikkostitwixxi strument validu sabiex l-esponent jiġi identifikat, magħruf u reġistrat hawn Malta bil-kunjom tal-missier. Dan qed jingħad billi l-istess *deed poll* jissodisfa l-kriterji kollha tad-direttur intimat u *cioè* dan id-*deed poll* għandu *apostille,* huwa dokument awtentiku, ġie ċertifikat mill-kap eżekuttiv tal-uffiċċju kompetenti ġewwa r-Renju Unit *ossija* il-*UK Deed Poll Service* u l-iffirmar ta' dan l-istrument sar fil-presenza tal-avukat sottofirmat, l-Avukat Dottor Nicholas Valenzia.

»Illi d-*deed poll* in kwistjoni jirrifletti l-istat ċivil attwali tal-individwu konċernat fit-tradizzjoni legali Ingliża u dan peress illi huwa għal kollox impossibbli li jiġi emendat ċertifikat tat-twelid reġistrat ġewwa l-Ingilterra, liema ċertifikat jiġi kkunsidrat strettament bħala rekord storiku. Għalhekk, huwa d-*deed poll* li jirregola u/jew jirrifletti l-identità korretta tal-esponent taħt is-sistema Ingliża.«[1]

8. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża tallum u talab lill-qorti:

»1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunjom tal-esponent għandu jkun 'Mallia', … … …;

»2. tordna għalhekk lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel dawk il-korrezzjonijiet u tibdil meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid u f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti tal-istess Benjamin Anthony Boarer sabiex jaqra 'Benjamin Anthony Mallia';

»3. tagħti kull provvediment ieħor opportun u neċessarju sabiex issir ir-reġistrazzjoni u konsegwenti emendi fl-atti tat-twelid u f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti a tenur tat-tieni talba rikorrenti.«

9. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb hekk:

»... … …

»3. illi … … … l-attur qed jipprova jbiddel kunjomu permezz ta' *deed poll,* imma dan ma jistax isir, għax kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Anthony Mallia u Rachel Boarer</u> *<u>pro et nomine v.</u>* <u>Diretur tar-Reġistru Pubbliku</u> datata 31 ta' Jannar 2011,

> »"Taħt il-liġi Maltija, wieħed ma jistax "jirrinunzja" għall-kunjom u jaddotta ieħor, u kwindi, taħt il-liġi Maltija, dak id-*deed poll* jitqies null.

»4. illi mill-atti li ġew notifikati lill-esponent ma ngħabet ebda prova tal-liġi barranija għal dak li hemm imniżżel fil-premessa numru tnax tar-rikorrent, u *cioè* li huwa impossibbli li jiġi emendat ċertifikat tat-twelid reġistrat ġewwa l-Ingilterra u ukoll li *deed poll* jirregola u/jew jirrifletti l-identità korretta … …… taħt is-sistema Ingliża;

»5. illi mingħajr ħsara għas-suespost, a rigward it-tieni talba, l-attur għandu jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes it-talba tiegħu ħalli b'hekk l-esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-onorabbli qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema disposizzjoni tal-liġi hu qiegħed jesperixxi l-proċeduri istanti;

»6. illi, dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit, jekk tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li t-tieni talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan *stante* li fiċ-ċertifikat tat-twelid l-attur kien ġie reġistrat bil-kunjom 'Boarer' u mhux 'Mallia' u għalhekk ma kienx sar xi żball jew omissjoni. Għalhekk ġaladarba ma

[1] *Fol.* 3 tal-proċess.

kien sar l-ebda żball jew omissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni jew tiswija ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tat-twelid skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»7. illi wkoll fl-att tat-twelid tal-attur ma hemm xejn x'jiġi korrett għax fuq dan iċ-ċertifikat ma hemmx imniżżel il-kunjom tat-tifel, iżda hemm biss l-isem u l-kunjom tal-ġenituri u isem l-attur, il-post tat-twelid, id-data tat-twelid, fejn twieldu l-ġenituri u min għamel id-dikjarazzjoni;

»8. illi fit-tielet talba tiegħu l-attur talab sabiex issir ir-reġistrazzjoni ta' *deed poll* maħruġ mill-awtoritajiet Ingliżi, iżda din it-talba ma tistax tiġi milqugħa u dan għaliex dokument ma jistax jiġi rreġistrat *stante* li l-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili jippermetti li jiġu rreġistrati atti magħmulin jew reġistrati f'pajjiżi barranin biss u ebda dokumenti oħra u għalhekk dan id-*deed poll* ma jistax jiġi rreġistrat;

»9. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-onorabbli qorti;

»10. illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienu missier u omm ir-rikorrent stess, Anthony Benjamin Mallia u Rachel Boarer respettivament, li kienu għamlu d-dikjarazzjoni fl-att tat-twelid *de quo* u kienu anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;«

10. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur safejn jolqtu l-att tat-twelid, iżda safejn jolqtu kull att ċivili ieħor ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju. L-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din id-deċiżjoni:

»Ikkunsidrat;

»Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret debitament … … …

»Illi f'din il-kawża l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu għal raġuni differenti mill-kawżi soliti f'dan ir-rigward; huwa bidel kunjomu *tramite* hekk imsejjaħ *deed poll* u dejjem kien magħruf bil-kunjom Mallia. Fil-fatt huwa ġà stitwixxa kawża li ġiet finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell kif spjega fir-rikors ġuramentat tiegħu. Din il-kawża ġiet deċiża billi l-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li skond il-qorti ma saritx prova tal-liġi estera relattiva. Kif ukoll ġie spjegat il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li kienet preokkupata bil-fatt li l-attur kien se jkollu kunjom differenti fiż-żewġ pajjiżi.

»Illi f'din il-kawża l-prova relativa saret u allura m'hemmx problema biex il-qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni. L-eċċezzjoni li d-*deed poll* m'hijiex att m'hijiex fil-fehma tal-qorti sostenibbli u l-qorti ma tarax li tista' tiġi definita b'mod ieħor. Il-qorti però tista' tilqa' biss talbiet għall-korrezzjonijiet ta' atti li jiġu indikati u mhux ta' atti oħra li ma jkunux speċifikati u għalhekk ma tistax tilqa' t-talbiet relativi għal 'kull att ċivili ieħor'.

»Illi l-qorti però taqbel li l-konvenut m'għandux ibati spejjeż.«

11. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appella b'rikors tas-17 ta' Mejju 2013 li għalih l-attur wieġeb fis-27 ta' Frar 2017.

12. L-ewwel argument li ressaq il-konvenut huwa li bdil fil-kunjom jista' jwassal biex jintlaqtu ħażin l-interessi ta' terzi. Fisser dan l-argument hekk:

»Illi fl-ewwel lok, fil-konsiderazzjonijiet tal-qorti, il-qorti qalet li "illi din il-kawża hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha". Ġiet ritenuta diversi drabi mill-Qrati nostrana, fosthom Pierre u Sonia Marie Axiak *v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku deċiża mill-Prim'Awla fil-21 ta' Ġunju 2001, illi l-bidla f'atti ta' stat ċivili hija maħsuba mil-liġi kemm għall-benefiċċju tal-persuna konċernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-leġislatur ried li l-qorti tqis talbiet għat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bħal dawn;

»… … …

»Illi, għalhekk, talba għal bidla fil-kunjom għandha iżjed tirnexxi meta jkun jidher ċar mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' żball;

»Illi, dejjem b'riferenza għal dak li jolqot l-interessi ta' terzi f'talba għal bidliet jew tiswijiet fl-att ta' stat `ivili, wieħed irid iqis kemm tali talba tolqot dawn l-interessi;

»Dan qed jingħad għar-raġuni illi llum-il ġurnata r-rikorrenti appellat għandu 'l fuq minn 20 sena u għalhekk bil-possibilità li tasal għal ftehim kontratwali. Illi għalhekk it-tali bdil jista' jikkawża konfużjoni bejn il-kredituri.«

13. It-tieni argument li ressaq il-konvenut appellant huwa li peress li qatt ma nġabet prova tal-liġi Ingliża u qatt ma nġab ċertifikat tat-twelid tal-attur b'annotazzjoni fuqu, u lanqas li kienet saret xi forma ta' reġistrazzjoni tal-bidla fuq iċ-ċertifikat Ingliż, it-talbiet tiegħu kellhom

jiġu miċħuda mill-ewwel qorti. Ikompli jgħid li l-element li l-Qorti tal-Appell, fil-każ fl-ismijiet <u>Anthony Mallia *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>, ħasset li kien nieqes u minħabba f'hekk ma laqgħetx it-talba tal-attur, kien nieqes f'din il-kawża wkoll. Kompla jfisser dan it-tieni argument tiegħu hekk:

> »Illi fit-tieni lok, fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tidher li rreferiet għal parti żgħira mis-sentenza preċedenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell datata 31 ta' Jannar 2011, u dan qiegħed jingħad *stante* li f'paġna 7 tas-sentenza appellata l-qorti qalet li
>
> > »"Fil-fatt huwa ġà stitwixxa kawża li ġiet finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell kif spjega fir-rikors ġuramentat tiegħu. Din il-kawża ġiet deċiża billi l-konvenut ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li skond il-qorti ma saritx prova tal-liġi estera relativa. Kif ukoll ġie spjegat il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara li kienet pre-okkupata bil-fatt li l-attur kien se jkollu kunjomu differenti fiż-żewġ pajjiżi.
> >
> > »"Illi f'din il-kawża il-prova relativa saret u allura m'hemmx problema biex il-qorti tilqa' t-talba għall-korrezzjoni";.
>
> »Illi fir-rigward ta' dan il-punt, il-qorti fis-sentenza odjerna bħal qisha ħadet dan il-punt in konsiderazzjoni waħdu u mhux fid-dawl ta' dak li kienet għadha kif qalet il-Qorti tal-Appell aktar kmieni fis-sentenza u *ossia* li:
>
> > »"Din il-qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma ġietx esebita kopja uffiċjali ta' dan l-hekk imsejjaħ *deed poll*, u lanqas ma saret prova tar-reġistrazzjoni tagħha mal-awtoritajiet Ingliżi. Lanqas ma saret prova tal-validità ta' dak id-dokument maħruġ minn omm it-tifel u mhux ukoll minn missieru. Il-fatt li l-awtoritajiet Ingliżi ħarġu passaport fuq l-attur bil-kunjom 'Mallia', ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan.
> >
> > »"Fuq kollox, dan il-każ kien jirrikjedi li tiġi ppreżentata kopja uffiċjali tad-*deed poll* u tar-reġistrazzjoni tagħha, u xiehda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taħt il-liġi Ingliża. Din il-qorti ma ġietx infurmata jekk b'riżultat ta' dak id-*deed poll* saritx xi annotazzjoni fuq iċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż tal-attur, ma saritx *proof of foreign law*, f'dan il-każ tal-liġi Ingliża, dwar il-validità u l-effetti ta' dik id-*deed poll*."
>
> »Illi iktar 'l isfel fis-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Appell … kienet qalet ukoll:
>
> > »"Għalkemm ma hemmx żball fis-sens tal-liġi, din il-qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jiġi indikat li hu magħruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata u ġie muri biċ-ċar li saret xi forma ta' reġistrazzjoni tal-bidla fuq iċ-ċertifikat Ingliż; però, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-qorti ma setgħetx taqbel mat-talbiet tal-attur."
>
> »Illi kien wara din il-konsiderazzjoni li l-Qorti tal-Appell għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjoni l-oħra li ċċitat Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-

> kawża appellata, u ċertament li kien fid-dawl tal-konsiderazzjoni ġà premessa li l-qorti għamlet il-konsiderazzjoni li ċċitat fil-kawża appellata. Illi fil-fehma tal-appellant, l-attur lanqas f'din il-kawża ma rnexxielu jġib prova sodisfaċenti għax qatt ma nġabet prova tal-liġi Ingliża u wisq anqas qatt ma nġab ċertifikat tat-twelid tiegħu b'annotazzjoni fuqu u anqas li kienet saret xi forma ta' reġistrazzjoni tal-bidla fuq iċ-ċertifikat Ingliż. Għaldaqstant, l-element li l-onorabbli Qorti tal-Appell ħasset li kien nieqes u li ma laqgħetx it-talba tal-attur abbażi tiegħu, kien anke nieqes f'din il-kawża u allura t-talba tal-attur fil-każ appellat ma kelliex tintlaqa'.«

14. It-tielet argument miġjub mill-konvenut hu li peress li l-att Ingliż ma saritx fuqu annotazzjoni biex tirrifletti l-bdil tal-kunjom, daqstant ieħor ma tistax issir l-istess annotazzjoni fiċ-ċertifikat Malti li, billi hu re-ġistrazzjoni ta' ċertifikat Ingliż, għandu jirrifletti dak iċ-ċertifikat. Kompla jfisser dan it-tielet argument tiegħu hekk:

> »Illi fit-tielet lok, l-att reġistrat hawn Malta għandu jkun jirrifletti dak reġistrat barra, u għalhekk ġaladarba l-att Ingliż ma sarx fuqu annotazzjoni biex jirrifletti l-bdil, daqstant ieħor ma jistax isir it-tali annotazzjoni fiċ-ċertifikat Malti għaliex dan huwa identiku għal dak barrani u għalhekk peress li hawn *si tratta foreign registration,* dik ir-reġistrazzjoni trid tkun tirrifletti dik ta' barra.«

15. Ir-raba' argument li jressaq il-konvenut hu li kien hemm każ b'ċirko-stanzi bħal dawk tal-każ tallum fejn iċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż ta' persuna kien ġie emendat biex jirrifletti l-kunjom li bih kienet magħrufa dik il-persuna:

> »Illi fir-raba' lok, l-appellat dejjem saħaq illi ċ-ċertifikat Ingliż għandu element storiku (għalkemm qatt ma ġab prova f'dan is-sens) b'konsegwenza illi bdil jew annotazzjonijiet ma jistax isiru fuqu. Iżda, fil-kawża <u>Lisa Jane Coulson magħrufa bħala Lisa Jane Coulson *née* Grech ukoll magħrufa bħala Lisa Grech *pro et nomine v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> deċiża fid-29 ta' Ottubru 2008, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla kienet laqgħet it-talba tal-attriċi illi kunjomha jiġi kkoreġut. F'din il-kawża, ommha u missierha kienu rreġistraw lil Lisa bil-kunjom Coulson fir-Reġistru tal-*Births, Deaths and Marriages, London Borough of Lesiham,* Londra, iżda hi kienet dejjem magħrufa bil-kunjom ta' missierha u *cioè* Grech. Li ġara kien illi:
>
> > »Wara kien hemm kuntatti mar-Reġistru tal-*Births, Deaths and Marriages, London Borough of Lewisham*, Londra, l-Ingilterra sabiex jiġi emendat iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti. Dan fil-fatt

> sar u nħareġ ċertifikat tat-twelid li jindika li r-rikorrenti hi Lisa Jane Grech.
>
> »Għalhekk dak li qed jisħaq fuqu r-rikorrent appellat li ċ-ċertifikat ma jistax jinbidel jew jiġi mitifes ma treġix.«

16. Il-ħames argument li jressaq il-konvenut huwa li hekk kif l-att ta' twelid Ingliż għandu element storiku u għalhekk l-ebda bdil jew annotazzjoni ma tista' ssir fuqu, daqstant ieħor għandu element storiku dak l-att ta' twelid Malti. Iżid illi dan it-tibdil jew annotazzjoni mitlub mill-attur ma jistax jiġi awtorizzat, partikolarment peress illi d-*deed poll* m'għandu l-ebda ekwivalenti fil-liġi Maltija:

> »Illi bla preġudizzju għas-suespost, jekk l-appellat iġib prova sodisfaċenti illi l-att ta' twelid għandu element storiku u għalhekk l-ebda bdil jew annotazzjoni ma tista' ssir fuqu, daqstant ieħor għandu element storiku dak l-att Malti li qed jirrifletti l-att Ingliż. Għalhekk l-użu tal-kunjom m'għandux ikun fatt reġistrabbli, l-istess kif m'huwiex fatt reġistrabbli fl-Ingilterra. Wieħed għandu jżomm f'moħħu hawn illi *deed poll* "ma għandha l-ebda ekwivalenti fil-liġi Maltija" (<u>Jason Nicholas Hillman *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> deċiża fit-30 ta' Mejju 2004 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)).«

17. L-aħħar argument miġjub mill-konvenut huwa li l-art. 244 tal-Kodiċi Ċivili jawtorizzah jirreġistra atti tat-twelid, żwieġ u mewt magħmula jew reġistrati f'pajjiż barrani u mhux kull att li jkun. *Deed polls* ma jistgħux jiġu rreġistrati minnu peress li ma humiex "att" għall-għanijiet tal-art. 244 tal-Kodiċi Ċivili:

> »Illi fl-aħħar lok, l-argumentazzjoni tal-qorti fil-każ li minnu qed isir dan l-appell li "l-eċċezzjoni li d-*deed poll* m'hijiex att m'hijiex fil-fehma tal-qorti sostenibbli u l-qorti ma tarax li tista' tiġi definita b'mod ieħor" ma treġix. Bħal ma ġà ingħad fir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, *deed poll* m'huwiex att *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jawtorizza lill-appellant biex jirreġistra atti tat-twelid, żwieġ u mewt magħmula jew reġistrati f'pajjiż barrani u mhux kwalsiasi att. Għalhekk, anke jekk *se mai* għall-qorti *deed poll* huwa att, però ċertament m'huwiex att għall-finijiet tal-artikolu 244. Ma dan għandu jiżdied ukoll illi dak premess fil-premessa 11 tar-rikors ġuramentat tal-attur juri kemm l-attur bir-rispett kollu lejh ma fehemx l-ispirtu tal-artiklu 244. Huwa qal li "d-*deed poll* jikkostitwixxi strument validu sabiex l-esponent jiġi identifikat, magħruf u reġistrat hawn Malta

bil-kunjom tal-missier. Dan qed jingħad billi l-istess *deed poll* jissodisfa l-kriterji kollha tad-direttur intimat u *cioè* dan id-*deed poll* għandu *apostille*, huwa dokument awtentiku, ġie ċċertifikat mill-kap eżekuttiv tal-uffiċċju kompetenti ġewwa r-Renju Unit *ossia* il-*UK Deed Poll Services* u l-iffirmar ta' dan l-istrument sar fil-preżenza tal-Avukat sottofirmat … … …". Illi huwa minnu li jissodisfa dawn il-kriterji iżda dawn il-kriterji huma biss fir-rigward ta' atti tat-twelid, mewt u żwieġ, u qegħdin hemm sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaċċerta ruħu li jaderixxi mar-rekwiżiti tal-artikolu 244. Però *deed poll* ma jaqax taħt l-artiklu 244 u għaldaqstant l-argumentazzjoni tal-attur hija monka.

»Hawnhekk għandu jingħad illi l-appellant jirreġistra *acts of civil status,* u *deed poll* fih innifsu m'huwiex *act of civil status.* Ma' dan għandu jiżdied ukoll dak li qalet l-onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet <u>Anthony Mallia u Rachel Boarer *pro et nomine v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> datata 31 ta' Jannar 2011:

> »… … … taħt il-liġi Maltija, wieħed ma jistax "jirrinunzja" għall-kunjom u jaddotta ieħor, u kwindi, taħt il-liġi Maltija, dak id-*deed poll* jitqies null."

»Illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qatt ma sab problema li jirreġistra bdil fl-ismijiet u/jew kunjomijiet li jkunu saru b'*deed poll* meta dan il-bdil ikun rifless ukoll fuq iċ-ċertifikat oriġinali innifsu. Iżda sitwazzjonijiet bħal din li qed neżaminaw hawnhekk hija partikolari għall-fatt illi m'hemm xejn imniżżel fiċ-ċertifikat Ingliż u għalhekk tista' tagħti lok għall-inċertezza u konfużjoni.«

18. L-attur wieġeb hekk:

»Illi qabel xejn, l-esponent jinnota illi mad-daqqa t'għajn l-aggravji u r-razzjonal sussidjarju tal-appellant isibu l-għeruq tagħhom f'argumenti li diġà ġew eżawriti bl-iskrutinju tal-ewwel qorti, jew altrimenti jistrieħu fuq argumenti residwi li tantieħor ġà ġew sorvolati fi stadju preċedenti.

»Għaldaqstant, l-esponent umilment jissottometti illi din il-qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni użata mill-ewwel qorti u l-apprezzament tal-fatti magħmul minnha għaliex l-ewwel qorti kienet indubitament fl-aqwa qagħda li tisma', tikkontrolla u tgħarbel il-provi miġjuba quddiemha. Naturalment, dan għandu jingħata iktar piż meta wieħed jikkunsidra l-fatt illi l-kwistjoni odjerna diġà ġiet sottoposta għall-evalwazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mhux darba iżda darbtejn, u f'entrambi l-proċeduri l-qorti, kif diversament presjeduta, waslet għal-konklużjonijiet identiċi. Ma jistax ma jingħadx ukoll illi l-ewwel kawża miftuħa mill-esponenti ġiet mitlufa fl-appell għal raġunijiet proċedurali speċifiċi ħafna (marbuta mal-validità *o meno* tad-*deed poll*) u l-Qorti tal-Appell qagħdet attenta illi, biex ma ttellifx lill-appellant mill-opportunità li jerġa' jressaq it-talba tiegħu, ma tiċħadx it-talbiet u dan sabiex f'kawża ġdida jkun jista' jindirizza dawn in-nuqqasijiet. U proprju hekk għamel f'dawn il-proċeduri.

»Illi madanakollu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sotto-missjonijiet tal-esponent f'din ir-risposta wkoll ser itennu ħafna minn dak li ġà ntqal minnhu fil-mori tal-proċeduri li ġew intavolati b'konn-essjoni mal-kwistjoni *de quo* mill-qrati hekk aditi.

»Illi l-esponent ser jgħaddi sabiex jindirizza, b'mod sintetiku, l-kriterji li fuqhom huma msejsa l-ħames aggravji ewlenin tal-appellant Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

»L-Ewwel aggravju – "... llum-il ġurnata ir-rikorrenti appellat għandu 'l fuq minn 20 sena u għalekk it-tali bdil jista' jikkawża konfużjoni bejn il-kredituri"

»Illi sabiex jissostanzja l-argument tiegħu, l-appellant jistrieħ pjenament fuq sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju 2001 fl-ismijiet <u>Pierre u Sonia Marie Axiak *v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>. Dan *stante* li *ai fini* tal-aggravju in diżamina huwa jikkwota silta minn din is-sentenza illi testwalment taqra kif ġej:

> »"Illi l-bidla f'atti ta' stat ċivili hija maħsuba mil-liġi kemm għall-benefiċċju tal-persuna konċernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-leġislatur ried li l-qorti tqis talbiet għat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bħal dawn;
>
> »"... … …
>
> »"Illi, għalhekk, talba għal bidla fil-kunjom għandha iżjed tirnexxi meta jkun jidher ċar mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' żball;
>
> »"Illi, dejjem b'rifirenza għal dak li jolqot l-interessi ta' terzi f'talba għal bidliet jew tiswijiet fl-att ta' stat ċivili, wieħed irid iqis kemm tali talba tolqot dawn l-interessi."

»F'dan ir-rigward, qabel ma jgħaddi sabiex jirribatti dak li qed isostni l-appellant, jeħtieġ li l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din l-onorabbli qorti għall-fatt li fis-sentenza suċċitata, proprju eżattament wara dak li għażel jikkwota l-appellant, jitkompla jingħad illi:

> »"Għaliex jekk kemm-il darba t-talba ma tagħmel l-ebda ħsara għal tali interessi, allura m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-individwu jiġi akkomodat fit-talbiet tiegħu [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 1994, fil-kawża fl-ismijiet <u>John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace *v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>;]"

»Illi għaldaqstant joħroġ biċ-ċar li l-appellant – għal raġunijiet ovvji – għamel biss riferenza għall-dawk l-osservazzjoni tal-qorti li jikkombaċjaw konvenjentament mal-argumenti tiegħu. Dan minkejja li l-kuntest aħħari li fiħ sar l-apprezzament tal-istess qorti, u li finalment permezz tiegħu ngħatat is-sentenza relattiva, kien wieħed li jikkuntrasta għal kollox ma' dak li qed jipprova jasserixxi l-konvenut appellant. B'hekk, skond ma rriteniet din il-qorti kif diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Ġunju 2001, jekk ma jidhirx li l-interessi ta' terzi ser jiġu ppreġudikati la darba tintlaqa talba simili għal korrezzjoni jew tibdil (bħal ma hija dik tal-esponent fil-Prim'Istanza), hekk allura ma hemm xejn li għandu jostakola lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku milli jattwa l-bidla rikjesta mill-appellat.

»*Inoltre*, l-esponent jirrileva li huwa prinċipju mill-aktar bażilari fil-liġi nostrana illi *onus probandi incumbit et qui dicit non ei qui negat*, u *cioè* li min jallega jrid jipprova. Illi l-esponent umilment jissottometti li, b'applikazzjoni ta' din il-massima għall-aggravju in kwistjoni, m'huwiex suffiċjenti li l-appellat jafferma li "tali bdil jista' jikkawża konfużjoni bejn il-kredituri". Jekk vera dan kien, jew jista' ikun, il-każ, allura kien jispetta lill-appellant li, fi stadju iktar bikri, iġib prova relativa biex jagħti

sembjanza ta' kredibilità għal dak li huwa qed jipprova jasserixxi, u mhux jittanta xortih b'argumenti simili fi stadju daqstant tardiv.

»… … …

»Ta' min wieħed jirrimarka ukoll illi, a kuntrarju ta' dak li ssottometta l-appellant Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'dan ir-rigward, jekk il-bdil in kwistjoni jista' potenzjalment jikkawża xi forma ta' konfużjoni bejn il-kredituri tal-esponent, *multo magis* ser tiġi kreata sitwazzjoni ta' konfużjoni jekk l-esponent ma ssirlux l-korrezzjoni/bidla li huwa talab, u dan għaliex ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn il-kunjom tiegħu, kif rikonoxxut uffiċjalment mill-awtoritajiet Ingliżi wara li sar id-*deed poll* tat-30 ta' Settembru 2011, *ossia* l-kunjom 'Mallia', ser jinkunfliġġi ma' dak li jkun irreġistrat bih f'Malta, u *cioè* l-kunjom 'Boarer'. Bla dubbju dan ser iwassal għal sitwazzjoni infeliċi li tant ieħor tista' tikkawża konfużjoni serja, ħaġa li l-onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2011 fil-kawża <u>Mallia u Boarer *pro et nomine* *v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>, ħasset li kellha tirravviża:

> »"Din il-qorti hija preokkupata li tara li ma jkunx hem diskrepanza f'isem u kunjom it-tifel bejn Malta u l-Ingilterra."

»*Di più*, tant biex jintwera kemm l-argument li qed jagħmel l-appellant f'dan is-sens ma jreġix, wieħed ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt li taħt is-sistema legali tal-lum individwu jingħata l-fakoltà li jbiddel ismu, flimkien mal-ġeneru tiegħu, *tramite* sempliċi att nutarili. U għalkemm wieħed jifhem l-iskopijiet lawdabbli tal-leġislatur fl-interess tar-rispett lejn id-diversità, ma jistax wieħed ma jinnutax illi ma jidhirx illi l-awtoritajiet tħassbu tant dwar l-implikazzjonijiet għall-kredituri bħalma jidher li qed jagħmlu b'ħeġġa kbira fil-każ odjern. Għalhekk jekk *ai fini* ta' ordni pubblika tibdil ta' din in-natura ma jitqiesx bħala wieħed li jista' joħloq konfużjoni għal kredituri terzi tal-individwu konċernat, hekk allura ma jista' qatt jiġi argumentat illi sempliċi tibdil f'kunjom (aktar u aktar meta jitqies li l-esponent ser jassumi l-kunjom paternali, bħal ma *se mai* hija l-prassi komuni fis-sistema legali tagħna) jista' qatt iwassal għal sitwazzjoni skonċernanti għall-kredituri kif qed jiġi allegat. Anzi, huwa propju fl-interess ta' terzi illi ssir l-korrezzjoni rikjesta mill-esponent fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, kif fl-aħħar mill-aħħar ordnat illi jsir l-ewwel qorti, u dan kif osservaw ukoll il-qrati tagħna:

> »"Illi sewwasew minħabba li l-bdil fl-atti ta' stat ċivili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-qrati tagħna fissru li għalkem il-liġi ma tqisx iż-żieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bħala żball, ma tistax tinjora għal kollox talba bħal din, speċjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taħt xi sistema jew ordinament ġuridiku ieħor. F'dawn il-każijiet, ukoll fl-interess tat-terzi, il-qrati laqgħu talbiet għal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-ħsieb li jirriflettu bidliet bħal dawn."

»Illi għalhek, għar-raġunijiet spjegati, dan l-aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jiġi kkunsidrat *stante* li huwa intrinsikament infondat.

»It-tieni u t-tielet aggravji

»… … …

»Illi, bir-rispett kollu, l-appellant ma jistax jibni r-raġunament tiegħu fuq ċirkostanzi li, mid-data tas-sentenza hawn fuq ċitata sa meta l-esponent stitwixxa proċeduri f'ismu quddiem l-ewwel qorti, inbidlu kompletament. Dan jingħad *stante* li huwa ben saput mill-partijiet li ġie

magħmul *deed poll* ieħor sussegwentament għad-deċiżjoni li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fl-2011 fejn l-esponent irrinunzja kategorikament għall-kunjom 'Boarer', liema *deed poll* kien jissodisfa l-elementi essenzjali kollha li kien jirrikjedi l-appellant direttur abbażi tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, dan *stante* li tali *deed poll* (i) huwa *apostilled*, (ii) jikkostitwixxi dokument awtentiku, (iii) ġie ċertifikat mill-kap eżekuttiv tal-uffiċċju kompetenti ġewwa r-Renju Unit (senjatament il-*UK Deed Poll Service*) u (iv) l-iffirmar ta' dan l-istrument sar fil-presenza tal-avukat sottofirmat, l-Avukat Dottor Nicholas Valenzia.

»Għal dawn il-motivi, dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell m'għandux japplika fl-isfond tal-provi li ġew eżebiti ftit wara quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dan mhux qed jgħidu biss l-esponent, iżda jista' jiġi dedott b'mod skjett minn dak li ddikjarat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata meta saħqet illi "f'din il-kawża l-prova relattiva saret".

»L-appellant jiċċita saħansitra parti ulterjuri mill-osservazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fl-2011,

> »Din il-qorti ma ġietx infurmata jekk b'riżultat ta' dak id-*deed poll* saritx xi annotazzjoni fuq iċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż tal-attur, ma saritx *proof of foreign law*, f'dan il-każ tal-liġi Ingliża, dwar il-validità u l-effetti ta' dik id-*deed poll*.

»Illi saħansitra fuq dan il-punt, l-appellant direttur, għaliex hekk jaqbillu, donnu qed jiskarta għal kollox l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti in Prim'Istanza, u l-kunsiderazzjonijiet li wassluha għad-deċiżjoni finali tagħha. Illi kif ġà ntqal mill-attur esponent f'dak l-istadju, it-tradizzjoni Ingliża ma tippermettix, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali speċifiċi, illi d-*deed poll de quo* jirrifletti l-istat ċivili attwali tal-esponent u dan għaliex huwa impossibli li jiġi emendat ċertifikat tat-twelid reġistrat ġewwa l-Ingilterra għax dan huwa meqjus strettament bħala record storiku. Għalhekk, huwa unikament u esklussivament id-*deed poll* li jista' jirregola u/jew jirrifletti l-identità korretta tal-esponent taħt is-sistema Ingliża f'dan il-każ. Dan joħroġ kjarament mill-fatt illi l-awtoritajiet imxew abbażi ta' dan id-*deed poll* meta rrilaxxjaw l-passaport tal-esponent bil-kunjom ta' Mallia.

»In sostenn tas-suespost, l-esponent jabbina dan il-ħsieb ma dak li ġie ritenut riċentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'każ relativament identiku għal dak odjern,

> »"… jirriżulta wkoll minn kopji ta' dokumenti esebiti, u ċjoè kopja tal-passaport Awstraljan li nħareġ fl-2011, li isem ir-rikorrent hu mniżżel bħal Charles John Pace. Għalhekk, jidher li l-effetti tad-*deed poll* in kwistjoni ġew rikonoxxuti, u ngħataw l-effett legali neċessarju skont fil-pajjiż fejn ir-rikorrent qed jirrisjedi, u cjoè fl-Awstralja.
>
> »… … …
>
> »"Fid-dawl tad-dokumenti esebiti, wara li rat l-atti kollha tal-każ, din il-qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova r-rekwiżiti legali għar-rikonoxximent tad-*deed poll* u t-talba tiegħu hi għal-hekk ġustifikata kif trid il-liġi."

»Illi in konformità ma' dak li ntqal, *dato* li fil-perkors tal-proċeduri intavolati mill-esponent ġew ippreżentati kemm *deed poll* awtentiku u kif ukoll l-passaport Ingliż tal-esponent fl-isem ta' Benjamin Anthony Mallia, hekk allura skond is-suċċitat, saret il-prova meħtieġa mill-

esponent tal-validità u l-effetti tad-*deed poll* in kwistjoni. Filwaqt li huwa veru li l-Qorti tal-Appell fl-2011 enfassizzat illi "l-fatt li l-awtoritàjiet Ingliżi ħarġu passaport fuq l-attur bil-kunjom 'Mallia', ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan", dan ingħad biss fl-ambitu tal-provi li kienu tressqu mill-ġenutiru tal-esponent quddiem l-ewwel qorti fil-proċeduri tal-2005, meta d-*deed poll* li ġie eżebit kien dak datat 25 ta' Lulju 1990. Għalhekk, la darba ġie ppreżentat sussegwentement *deed poll* ieħor li ssodisfa l-formalitajiet meħtieġa, l-apprezzament tal-Qorti tal-Appell fuq dan il-punt partikolari m'għandux jinkwadra.

»Għaldaqstant, isegwi li fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq it-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant lanqas m'għandhom jiġu kkunsidrati għaliex, fl-ewwel lok, huwa stat ta' fatt, emanenti mill-liġi Ingliża, illi ma tistax issir korrezzjoni f'ċertifikat tat-twelid rreġistrat ġewwa r-Renju Unit (ħlief għal ċertu eċċezzjonijiet pprovduti mil-liġi li madanakollu ma jgħoddux għal-każ in diżamina, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel f'din ir-risposta) *stante* li dan huwa meqjus bħala rekord storiku. Fit-tieni lok, kemm il-liġi Maltija kif ukoll l-insenjament tal-qrati nostrana juru, bl-aktar mod ċar u lampanti, illi in effetti l-bidla li l-esponent talab issirlu fiċ-ċertifikat tat-twelid rreġistrat hawn Malta tista' indubbjament tiġi realizzata. Tenut kont li, kif diġà ġie spjegat f'din ir-risposta u kif irriteniet sew l-ewwel qorti, id-*deed poll* li ġie ppreżentat mill-esponent jikkostitwixxi dokument validu u awtentiku li jirrifletti l-i*status* ċivili reali tiegħu ġewwa l-Ingilterra, hekk allura għandha ssir l-korrezzjoni/bidla meħtieġa fiċ-ċertifikat Malti tal-esponent sabiex tirrifletti din ir-realtà, *nonostante* li *ex lege* ċertifikat Ingliż ma jistax jiġi emendat.

»Ir-raba' aggravju - … dak li qed jisħaq fuqu r-rikorrent appellat li ċ-ċertifikat ma jistax jinbidel jew jiġi mittifes ma treġix

»Illi l-appellant jattira dan l-aggravju minn sentenza li huwa jikkwota, fl-ismijiet <u>Lisa Jane Coulson magħrufa bħala Lisa Jane Coulson *née* Grech ukoll magħrufa bħala Lisa Grech *pro et nomine v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> deċiża fid-29 ta' Ottubru 2008 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn intlaqgħet it-talba tal-attriċi sabiex kunjomha jiġi kkoreġut. F'din is-sentenza issemma li:

> »"Wara kien hemm kuntatti mar-Reġistru tal-*Births, Deaths and Marriages, London Borough of Lewisham*, Londra, l-Ingilterra sabiex jiġi emendat iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti. Dan fil-fatt sar u nħareġ ċertifikat tat-twelid li jindika li r-rikorrenti hi Lisa Jane Grech."

»Illi naturalment l-esponent jaqbel li f'dan il-każ partikolari huwa minnu li l-attriċi rnexxiela verament tottjeni ċertifikat tat-twelid li jindika l-kunjom korrett tagħha. Iżda l-esponent jirrileva bil-qawwa li l-fatti tal-kawża msemmija huma ferm differenti minn dawk li jikkostitwixxu l-kwistjoni odjerna.

»Qabel xejn, fil-kawża suċċitata jagħti l-każ illi meta l-attriċi, Lisa Jane Grech, twieldet fil-1969, l-ġenituri tagħha ma kinux miżżewġin. Illi madanakollu dawn tal-aħħar iżżewġu fit-30 ta' Marzu 1981 fl-Ingilterra u dan iż-żwieġ ġie reġistrat hawn Malta. Illi dan huwa wieħed mix-xenarji limitati li tikkontempla l-liġi Ingliża li fih jista jsir tibdil ta' kunjom, jew *re-registration* tal-att ta' twelid ta' persuna, u dan ifisser illi tali tibdil jista' jiġi awtorizzat biss meta l-ġenituri ta' persuna ikunu żżewġu wara li l-*birth certificate* tagħha tkun ġiet irreġistrata. Illi bir-rispett allura jingħad li fil-każ tal-esponent dan ma japplikax *stante* li l-ġenituri

tiegħu qatt ma żżewġu. B'hekk, l-fatti tal-kawża hawn appellata tinkwadra biss fil-parametri tal-prinċipju ewlieni segwit fl-Ingilterra, illi essenzjalment ċertifikat tat-twelid maħruġ fir-Renju Unit ma jistax jiġi emendat għaliex jitqies bħala dokument storiku, u dan *stante* li ċ-ċirkostanzi tal-esponent f'dan il-każ ma jippermettux li ssir xi korrezzjoni jew emenda fiċ-ċertifikat Ingliż, *oppure re-registration,* skond il-liġi komuni.

»*In aggiunta*, l-appellant jieħu spunt mill-affermazzjoni li għamel preċedentament l-esponent fir-rigward tal-valur storiku li jingħata att tat-twelid fl-Ingilterra meta, fil-paragrafu 14 tar-rikors t'appell, jagħmel is-segwenti paragon:

> »"... jekk l-appellat iġib prova sodisfaċenti illi l-att ta' twelid għandu element storiku għalhekk l-ebda bdil jew annotazzjoni ma tista' ssir fuqu, daqstant ieħor għandu element storiku dak l-att Malti li qed jirrifletti l-att Ingliż.

»Illi proprju bħalma l-liġi Ingliża tikkontempla għadd limitat ta' eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali illi atti simili għandhom valur storiku, u allura ma jistgħux jiġu emendati, tant ieħor l-liġi Maltija hija pjuttost restrittiva f'dan ir-rigward, u tippermetti biss li jsiru tibdiliet jew korrezzjonijiet speċifiċi f'ċertifikati tat-twelid jew atti ta' din in-natura. B'dan allura ċertament illi anki att Malti għandu jiġi meqjus bħala dokument storiku, u huwa biss fl-ambitu tal-provvedimenti proponuti taħt l-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li din ir-regola ġenerali għandha tikkonċedi eċċezzjonijiet limitati. Fil-fatt huwa fl-istess ambitu tal-artikolu 253 li jinkwadra l-każ odjern, u huwa għalhekk illi din l-onorabbli qorti għandha tirriafferma l-ordni tal-ewwel qorti sabiex issir il-korrezzjoni mitluba mill-rikorrent esponent kif tippermettilu l-liġi stess.

»Il-ħames aggravju - ... l-argumentazzjoni tal-qorti fil-każ li minnu qed isir dan l-appell li "L-eċċezzjoni li d-*deed poll* m'hijiex fil-fehma tal-qorti sostenibbli u l-qorti ma tarax li tista' tiġi definita b'mod ieħor" ma treġix.

»Illi taħt dan l-aggravju, l-appellant jargumenta li *deed poll* ma tista' qatt titqies bħala att *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jingħad *malgrado* li l-ewwel qorti ikkonstatat li *d-deed poll* eżebit mill-esponent kellu l-elementi kollha meħtieġa sabiex jiġi kkunsidrat bħala "att". B'żjieda ma dan, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-2008 fil-każ <u>Mallia u Boarer *v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> kkummentat:

> »"Illi għal dak illi jirrigwarda d-*deed poll*, għalkemm din mhijiex debitament awtentikata l-qorti tara illi ġie ippruvat illi l-awtoritajiet Ingliżi imxew fuq din id-*deed poll* u ħarġu l-passaport tal-attur f'kunjom missieru u għal din il-fini ġiet esebita fotokopja tal-passaport Ingliż maħruġ f'isem l-attur bil-kunjom Mallia mill-awtoritajiet Ingliżi.

»Illi *nonostante* li jista jiġi argumentat illi *deed poll* ma jaqax strettament fil-konfini tad-definizjoni ta' att li tingħata fl-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, dan xorta waħda jikkostitwixxi att fil-veru sens tal-kelma *stante* li ġie ppruvat b'mod ċar mill-esponent li dan id-dokument mhux biss jissodisfa l-kriterji kollha rikjesti taħt l-istess artikolu 244 (għaliex jipposjedi l-karatteristiċi rispettiv), iżda saħansitra li l-awtoritajiet Ingliżi jikkunsidraw dan id-dokument bħala att validu li jirrispekkja l-istat ċivili

tal-esponent, senjatament f'dak li għandu x'jaqsam mar-rikonoxximent tal-identità attwali tiegħu, u b'dan allura skond is-sistema legali Ingliża *deed poll* għandu l-istess effett ta' ċertifikat tat-twelid u ma jistax jiġi argumentat mod ieħor.

»Illi jekk talvolta l-appell li qed jinterponi l-appellant Direttur tar-Reġistru Pubbliku jintlaqa' sempliċiment minħabba l-fatt li *deed poll* m'huwiex neċessarjament "att" *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, minkejja li jolqot l-elementi kollha sabiex jikkwalifika taħt l-istess artikolu, l-esponent ser jiġi invarjabbilment preġudikat peress illi ser ikun rikonoxxut b'kunjomijiet differenti f'żewġ ġurisdizzjonijiet separati; sitwazzjoni li, kif ġà ntqal qabel, tista' tħalli impatt negattiv fuq l-esponent hekk kif jaf twassal għal konfużjoni serja, *sia* direttament fil-konfront tal-esponent u tantieħor fil-konfront ta' terzi.

»In konklużjoni, hija proprju din il-miżura li biha jrid jitkejjel dan l-aggravju; jekk *ai fini* ta' liġi Ingliża *deed poll* huwa strument li min-natura fundamentali tiegħu għandu l-forza li jattwa bidla tanġibbli u reali fl-istat ċivili ta' individwu, liema saħħa *perciò* hija ekwivalenti għal dik ta' kwalsiasi att ċivili ieħor, wieħed qajla jifhem għalfejn dan id-dokument m'għandux jitqies bħala att fil-kuntest tal-artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.«

19. Qabel ma tqis il-mertu tal-appell tal-konvenut, din il-qorti tosserva li ma sar l-ebda appell mill-attur u għalhekk dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju relativament għat-talba biex isiru l-korrezzjonijiet u tibdil meħtieġa "f'kull att ċivili ieħor u sussegwenti" (barra ċ-ċertifikat tat-twelid) hija *res judicata*.

20. Ngħaddu issa biex inqisu l-mertu tal-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Is-sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-31 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet Anthony Mallia *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku turi biċ-ċar illi sabiex isiru l-korrezzjonijiet jew tibdiliet li jrid fiċ-ċertifikat tat-twelid Malti tiegħu l-attur irid iressaq dawn il-provi: i. kopja awtentika tad-*deed poll*; ii. prova tar-reġistrazzjoni tal-istess *deed poll* mal-awto-

ritajiet kompetenti Ingliżi; iii. xiehda tal-validità u tal-effetti tad-*deed poll* taħt il-liġi Ingliża: *proof of foreign law*.[2]

21. Għalkemm l-attur esebixxa kopja awtentika tad-*deed poll* magħmul minnu fit-30 ta' Settembru 2011[3] hu ma ressaq l-ebda prova li turi li hu fil-fatt irreġistra din id-*deed poll* mal-awtoritajiet kompetenti fir-Renju Unit. Lanqas ma ressaq provi li jagħtu xiehda tal-validità u tal-effetti tad-*deed poll* taħt il-liġi Ingliża, ħlief: i. kopja ta' korrispondenza elettronika (*emails*); u ii. kopja (mhux awtentikata) tal-passaport tiegħu Ingliż li kien validu sat-22 ta' Marzu 2017 u li kien maħruġ fuq l-isem 'Benjamin Anthony Mallia'.

22. Fil-fehma ta' din il-qorti dawn id-dokumenti m'humiex prova biżżejjed dwar il-validità u l-effetti tad-*deed poll*. Mhux biss l-attur ma ressaqx prova dwar il-kompetenza ta' Derek Seeley, l-awtur tal-*emails*, sabiex jagħti opinjoni legali dwar din il-kwistjoni, iżda wkoll dan Derek Seeley fl-ebda mument ma kkonferma li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tal-attur – *viz.* meta titwieled tarbija minn persuni li ma jkunux miżżewġin u din it-tarbija tieħu l-kunjom tal-omm fl-att tat-twelid tagħha Ingliż – jekk sussegwentement (wara aktar minn sena) dik il-persuna jew il-ġenituri tagħha jkunu jixtiequ jbiddlu kunjomha għal dak tal-missier meta l-ġenituri jkunu għadhom mhux miżżewġin, ma jkunx possibbli li jsiru il-bidliet jew annotazzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid Ingliż ta' dik il-persuna. L-ispjegazzjoni li ta Derek Seeley hija ġenerika wisq

[2] Ara, b'mod partikolari, paġni 9 sa 11 tas-sentenza msemmija. Ara wkoll is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet L-Avukat Ramona Azzopardi *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

[3] Ara *foll.* 19 sa 22.

u mhux neċessarjament tkopri ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tallum.[4] Lanqas ma indika d-disposizzjoni partikolari tal-liġi Ingliża li tirregola sitwazzjonijiet bħal dik tal-attur. Kien vag ħafna fl-ispjegazzjoni tiegħu[5] u fl-ebda mument ma kkonferma li t-tibdil mixtieq mill-attur bis-saħħa tad-*deed poll*' seħħ in konformità ma' dak li trid il-liġi Ingliża.

23. Dwar it-tibdil tal-kunjom fuq il-passaport Ingliż, il-qorti ttenni dak li qalet fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet <u>Anthony Mallia *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u>:

> »Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu passaport fuq l-attur bil-kunjom "Mallia" ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan.«

24. Din il-qorti għaldaqstant teħtieġ aktar provi milli ġew imressqin mill-attur biex tkun tista' tordna tibdil jew annotazzjoni bħal dik mitluba mill-attur, partikolarment f'każijiet fejn dan it-tibdil jew din l-annotazzjoni ma tkunx riflessa fl-att tat-twelid Ingliż tal-attur.

25. Fil-fehma ta' din il-qorti jekk ir-rekwiżiti imsemmijin aktar 'il fuq u elenkati fis-sentenza fl-ismijiet <u>Anthony Mallia *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> ma jiġux sodisfatti, u konsegwentement kull min irid ikun jista' faċilment ibiddel kunjomu kif jidhirlu, tista' tinħoloq inċert-ezza, diżordni u konfużjoni fis-soċjetà, li tista' wkoll toħloq preġudizzju għal terzi.

---

4 Fil-fatt, jidher li dak li qal Derek Seeley fl-email tiegħu datata l-1 ta' Frar 2012 illi "*if a person changes their name later in life that change cannot be reflected on their birth certificate*" m'huwiex kompletament korrett għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ fl-ismijiet <u>Lisa Jane Coulson *et v.* Direttur tar-Reġistru Pubbliku</u> dak it-tibdil fiċ-ċertifikat effettivament sar.

5 Ara *fol.* 42.

26. Din il-qorti, biex ma tagħlaqx il-bieb għall-possibilità li l-attur jirrimedja għan-nuqqasijiet fil-provi li ressaq f'din il-kawża, mhix sejra tiċħad it-talbiet tiegħu iżda sejra teħles lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mill-ħarsien tal-ġudizzju peress li l-attur naqas li jġib il-provi meħtieġa sabiex din l-azzjoni tirnexxi.

27. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti tilqa' l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet safejn jolqtu l-att tat-twelid tal-attur, u teħles lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar dawk it-talbiet ukoll.

28. L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df